**16 ta' Mejju, 1944.**

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Carmela Montebello pr. et ne.** *versus* **Carmela Bajona et.**

**Illeġittimità tal-Persuna — Kuratur "Ad Litem" — Mara — Żwieġ — Oppożizzjoni tal-Ġenituri.**

*Il-mara mhix inkapaċi biex tiġi nominata kuratriċi "ad litem"; u firrikors li hija tagħmel biex tiġi hekk nominata ma għandhiex bżonn tindika l-effetti li jkollha l-azzjoni li hija titlob li tiġi awtorizzata tipproponi, meta dawk l-effetti huma stabbiliti mill-liġi.*

*Il-każi meta l-oppożizzjoni tal-ġenituri għaż-żwieġ ta' uliedhom hija leġittima għandhom jiġu nterpretati restrittivament, u għandhom ikunu proporzjonati għall-effetti legali ta' żwieġ li jsir kontra dik l-oppożizzjoni.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni numru 573 ta' l-10 ta' Novembru 1943, li biha l-attriċi, wara li qalet illi l-konvenuta bintha, kontra l-oppożizzjoni tagħha tgħarrset mal-konvenut

Giuseppe Bajona u għaddiet għaż-żwieġ miegħu; u li l-oppożizzjoni tagħha hija ġusta; talbet li jiġi dikjarat u deċiż illi hija tinsab libera mill-obligu li tissomministra l-alimenti lill-istess konvenuti u li tagħti dota lill-konvenuta Carmela Bajona. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest ta' l-1 ta' Ottubru 1943;

*Omissis*;

Tikkunsidra fuq l-ewwel eċċezzjoni, ta' l-illeġittimità tal-persuna;

Illi, kif sewwa ssottomettiet l-attriċi fl-imsemmija nota tagħha, l-art. 533 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili evidentement jirriferixxi ruħu għall-istess Liġijiet tal-Proċedura in kwantu jirregolaw in-nomina ta' tuturi. Fl-Ordinanza I ta' l-1873 jinsab, iva, illi n-nisa, eċċettwata l-omm, ma jistgħux ikunu nominati tutriċi, imma ma hemmx illi dik id-disposizzjoni għandha tapplika ruħha anki għall-kurazija ta' l-interdetti u l-inabilitati. Kif sewwa wkoll issottomettiet l-attriċi, għalkemm iż-żewġ istituti huma ntiżi għall-protezzjoni ta' l-inkapaċi, bejn it-tnejn però hemm differenza markata, billi l-funzjoni tal-kuratur hija unikament ta' amministrazzjoni tal-patrimonju u mhux ukoll tal-persuna, kif huwa t-tutur, u l-liġijiet jurn illi n-nisa ma humiex inkapaċi għall-amministrazzjoni. Favur il-kapaċità tal-mara, biex tiġi nominata, hemm ukoll konswetudini bizzejjed antika;

Illi għall-espressjoni tal-volontà ta' żewġ l-attriċi, li ma setax jimmanifesta dik il-volontà billi huwa nterdett, issupplixiet is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti meta awtorizzat lill-attriċi, kuratriċi tiegħu, sabiex tistitwixxi dan il-proċediment kontra l-konvenuti;

Illi, kif sewwa wkoll issottomettiet l-attriċi, bid-digriet tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti tas-27 ta' Settembru 1943, hija ġiet awtorizzata tagħmel il-proċedura għall-oppożizzjoni taż-żwieġ bejn il-konvenuti, naturalment skond dak li jingħad fl-art. 33 ta' l-Ordinanza I ta' l-1873. L-effetti taż-żwieġ tal-konvenuti kontra l-oppożizzjoni ta' l-attriċi, purkè naturalment dik l-oppożizzjoni hija ġusta, huma ndikati f'dak l-artikolu tal-liġi, u ma kienx hemm bżonn li jiġu ndikati fir-rikors li bih l-attriċi talbet l-awtorizzazzjoni li tagħmel il-proċeduri meħtieġa għall-imsemmija oppożizzjoni. Ottenuta dik

l-awtorizzazzjoni, il-proceduri li jsiru jkollhom l-effett tagħhom "*per legge*", u għalhekk l-indikazzjoni ta' l-effetti legali taż-żwieġ tal-konvenut kontra l-oppożizzjoni ta' l-attriċi ma kienetx neċessarja għall-finijiet tat-talba għall-awtorizzazzjoni;

Għaldaqstant il-Qorti tirrespingi l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna; iżda minħabba l-kwistjoni nvoluta tordna lil l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa;

Tikkunsidra fil-meritu;

Illi l-attriċi tgħid li huma ġusta kawża għall-oppożizzjoni tagħha għaż-żwieġ tal-konvenut, għall-effetti tas-suċċitat art. 34 ta' l-Ordinanza I ta' l-1873, il-fatt illi l-konvenut kemm-il darba kien rikoverat fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, il-fatt li huwa għandu l-vizzju tax-xorb, u in ġenere l-kattivi kostumi tiegħu u d-differenza kbira fl-età tal-konvenuti;

Illi però, ma tirriżultax dik id-differenza kbira fl-età tal-konvenuti li tara l-attriċi, u lanqas ma ġie ppruvat illi l-konvenut huwa affett minn xi marda tal-moħħ. Mid-depożizzjoni infatti tas-Suprintendent ta' l-Isptar tal-Mard tal-Moħħ jirriżulta illi kull meta l-konvenut ġie rikoverat f'dak l-Isptar, dan sar mhux għaliex huwa kien marid, imma sempliċement għaliex kien jabbuża mil-alcohol u kien isir aggressiv, mingħajr, iżda, ma qatt kellu "delirium tremens";

Illi għar-rigward ta' dan il-vizzju tax-xorb, jirriżulta millprovi illi l-konvenut tassew iħobb jixrob, iżda mhux li jkun spiss fis-sakra. Huwa spiss ikun allegru, imma fis-sakra raramɛnt. Minn sebgħa snin 'l hawn huwa daħal id-dar fis-sakra mhux aktar minn darbtejn jew tliet darbiet. Għalhekk ma jistax jingħad illi dan il-vizzju jirrendih bniedem ta' kattivi kostumi tali li jirrendu leġittima l-oppożizzjoni għaż-żwieġ miegħu. Kif sewwa ssottomettew il-konvenuti, il-każi meta l-oppożizzjoni għaż-żwieġ hija leġittima għandhom jiġu nterpretati restrittivament u għandhom ikunu proporzjonati għalleffetti legali taż-żwieġ kontra l-oppożizzjoni, li huma biżżejjed ħorox, għaliex għandhom bħala oġġett li jipprivaw mid-dritt ta' l-alimenti lil kull min ikun intitolat għalihom, u l-alimenti huma favoriti ħafna mil-liġi, aktar u aktar meta s-suġġett tal-privazzjoni huwa iben jew dixxendenti; għaliex lil dawna

l-alimenti huma dovuti mhux biss b'dispożizzjoni tal-liġi pożitiva, imma anki bid-dritt tan-natura;

Illi l-attriċi ttentat tipprova l-kondotta ħażina tal-konvenut bil-produzzjoni tal-fedina penali tiegħu. Minn dak id-dokument biss, iżda, ma jirriżultax dik il-kondotta ħażina li tagħmel ġusta l-oppożizzjoni ta' l-attriċi għaż-żwieġ ta' bintha mal-konvenut; u dana għall-istess raġunijiet fuq miġjuba. għalkemm ċertament minn dak id-dokument jirriżulta illi l-kondotta tal-konvenut mhi xejn irreprensibili;

L-attriċi bix-xhieda tagħha, u b'dik ta' oħtha Teresa Chircop, riedet tipprova l-kondotta ħażina tal-konvenut billi turi l-imġieba ħażina tiegħu ma' ommu u ma' ħutu; iżda t-tnejn ġew kontradetti bix-xhieda ta' omm il-konvenut u ta' oħtu Carmelina Fenech u ta' Mary Scicluna. Minn dawn ix-xhieda jirriżulta illi............;

Illi għalhekk, għalkemm mill-provi jirriżulta, kif ġa ngħad, illi forsi l-attriċi ma kellhiex tort sa barra li tiddisswadixxi lill-konvenuta, bintha, li tgħaddi għaż-żwieġ li għamlet, iżda ma hemmx dik il-kawża ġusta li trid il-liġi għall-oppożizzjoni biex, meta ż-żwieġ isir kontra dik l-opożizzjoni, min ikun għamilha bil-formalitajiet li trid il-liġi jiġi eżonerat mill-obligu li jissomministra l-alimenti u li jiddota lil bintu li tkun għaddiet għal dak iż-żwieġ, non ostanti dik l-oppożizzjoni, kif jingħad fl-art. 33 ta' l-Ordinanza 1 ta' l-1873;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi; iżda in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa. Id-dritt tar-reġistru tħallsu l-attriċi.

---